# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 194/2013**

Il-Pulizija

(Spettur Joseph Hersey)

vs

**Ebeid Osama**

iben Nmer, imwieled Gaza, fid-19 ta' April, 1965, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 490195(M)

Illum 24 ta' April, 2018.

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotta kontra l-appellant Ebeid Osama quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli fit-03 ta' Gunju 2010 u fil-jiem ta' qabel, gewwa l-Msida u f'partijiet ohra f'dawn il-gzejjer, impjega jew ta xoghol lill-persuna (Aiman Mohammed Snousi passaport temporanju nru 4611) li ma kienx persuna ezenti u li ma kellux licenzja moghtija lilu ghal dak l-impieg jew xoghol skond id-disposizzjonijiet tal-artikolu 32(1)(b) tal-Kap.217 tal-Ligijiet ta' Malta.

U akkuzat ukoll, talli fl-istess cirkostanzi bhala persuna responsabbli tax-xoghol li kien qed isir gewwa bini f'Triq Xmiexi, Msida, u nhawi ohra f'Malta, impjega persuna (Aiman Mohammed Snousi passaport temporanju nru: 4611) li ma kienx cittadin ta' Malta, u meta din il-persuna ma kellhiex permess tax-xoghol validu ufficjali.

U aktar talli fl-istess cirkostanzi bhala l-principal, jew il-persuna li timpjega persuni ohra, full-time, part-time jew xort'ohra b'kuntratt definit jew indefinit jew bi prova, inqast li tinnotifika lill-Korporazzjoni tax-xoghol u tahrig b'dan l-impieg lif hemm fl-Avviz Legali 110 tas-sena 1993 (Art.7 u 3a).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-24 ta' April, 2013 fejn il-Qorti wara li rat l-artikolu 32(1)(b) tal-Kapitolu 217, 3(a), 7 u 10 tal-Avviz Legali 110 tal-1993 u l-artikolu 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati ta'l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u ikkundannatu multa ta' elf u hames mitt ewro (€1500).

Rat ir-rikors tal-appellanti Ebeid Osama tas-6 ta' Mejju, 2012 fejn talab lil din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberah minn kull htija u piena.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

L-ewwel Onorabbli Qorti qaghdet biss fuq il-fatt materjali. Pero f'dan il-kaz, ir-reati huma delitti u konsegwentement il-prosekuzzjoni trid tipprova il-mens rea. Trid tipprova illi l-esponenti kien jaf li dik il-persuna ma kinitx persuna ezenti u li ma kellux licenzja moghtija lilu. Dan johrog car mill-Artikolu 33 tal-istes ligi illi jghid illi l-piz tal-prova illi persuna hija ezenti trid issir minn dik il-persuna stess. Il-prova ghalhekk trid issir minn Aiman Mohamed Snousi u ma kien hemm l-ebda prezunzjoni tal-ligi kontra Ebeid Osama illi kien jaf illi dik ma kinitx persuna ezenti. Dak baqa' obbligu tal-prosekuzzjoni illi bl-ebda mod ma wettqitu.

X'qal Aiman Mohamed Snousi, skont l-Artikolu 660 tal-Kodici Kriminali, ma jaghmilx prova kontra l-esponenti ghaliex hija dikjarazzjoni ta' dak il-persuna u konsegwentement tapplika ghalih biss. Fiz-zewg akkuzi l-ohrajn hemm l-element ta' impjieg illi ma giex bl-ebda mod

ippruvat ghaliex ix-xoqhol kien sub-contracting u sub-contracting ma jaqax taht id-definizzjoni ta' impjieg.

Il-prosekuzzjoni ma gabet l-ebda prova ta' impjieg.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi l-aggravju ewlieni tal-appellant hu li hu ma ghandhux ghalfejn jaghmel il-prova li l-persuna li hu kien qed ihaddem hiex ezenti jew le. Dan jispetta lill-persuna impjegata. Kieku l-fatti kienu daqstant semplici l-appellant ghandu ragun u ma hemmx ghalfejn jinghad izjed.
Illi f'dan il-kaz il-fatti huma ftit differenti ghaliex jirrizulta mix-xhieda tal-Ispettur Joseph Hersey li hu kellem lill-appellant meta kien ghadu qed ifittex lil certu Aiman Mohammed Znussi. L-appellant qallu li kien telaq minn mieghu u min-naha tieghu l-Ispettur kienu qallu li ma setghax jimpjegah. Mill-atti jirrizulta li l-appellant qal lill-Ispettur li jekk dik il-persuna titfacca, hu ser icempillu. Dawn il-fatti ma gewx michuda mill-appellant.

Illi meta dik il-persuna giet arrestata, l-appellant kien mieghu fuq il-post tax-xoghol. Apparti minn hekk, waqt il-konfront bejn l-appellant u Znussi, dan ta' l-ahhar talab il-flus lill-appellant li min-naha tieghu halsu.

Illi fuq l-iskorta ta' dawn il-provi, din il-Qorti ma ghandha ebda dubju li l-appellant kien jaf bil-pozizzjoni ta' Znussi. Mhux talli kien jaf izda rega mpjegah mieghu jew tah ix-xoghol meta kien jaf perfettament li dan ma setghax jaghmlu.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti qed tichad l-appell ta' Ebeid Osama u tikkonferma s-sentenza appellata.